IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2022
COM(2022) 412 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Sommarju tar-Rapport ta' Sinteżi dwar it-tħaddim tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 rigward l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikoluż

{SWD(2022) 218 final}

ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI

BPR	Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali
CLP	Ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ
DNA	Awtorità Nazzjonali Nominata
ECHA	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
ePIC	Applikazzjoni ta' software għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012
UE	L-Unjoni Ewropea
FRA	Azzjoni Regolatorja Finali
NEA	Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar
OECD	L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
PIC	Kunsens Infurmat Minn Qabel
PPPR	Ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti
REACH	Ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi
RIN	Numru tal-Identifikazzjoni ta' Referenza
SDS	Skeda ta' *Data* ta' Sigurtà

1. INTRODUZZJONI

1.1. Ir-Regolament tal-PIC

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012[1] (ir-Regolament dwar il-PIC") jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali. Ir-Regolament għandu l-għan li jippromwovi r-responsabbiltà konġunta u l-kooperazzjoni fil-moviment internazzjonali ta' sustanzi kimiċi perikolużi, u li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn ħsara potenzjali billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-karatterisitiċi tas-sustanzi kimiċi perikolużi, billi jipprevedi proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom u billi jibgħat id-deċiżjonijiet lill-Partijiet u lill-pajjiżi l-oħra.

Ir-Regolament dwar il-PIC japplika għal sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam u għas-sustanzi kimiċi industrijali (li jintużaw minn professjonisti u konsumaturi) u għall-pestiċidi (inklużi l-bijoċidi) li huma pprojbiti jew ristretti severament mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal raġunijiet ta' saħħa jew għal raġunijiet ambjentali. Dan imur lil hinn mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni peress li japplika għall-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha u jirrikjedi l-kunsens tal-pajjiż importatur għal ħafna aktar sustanzi kimiċi minn dawk elenkati taħt il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-esportazzjoni japplikaw ukoll għal ċerti taħlitiet li fihom sustanzi kimiċi elenkati.

Skont ir-Regolament dwar il-PIC, l-esportazzjonijiet huma soġġetti għal rekwiżiti differenti, skont l-elenkar tagħhom fl-Anness I: is-sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I huma soġġetti għal notifika tal-esportazzjoni lill-pajjiż importatur; is-sustanzi kimiċi elenkati fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness I huma soġġetti għal notifika tal-esportazzjoni u għall-kunsens espliċitu tal-pajjiż importatur, sakemm ma jkunux soġġetti għall-proċedura tal-PIC skont il-Konvenzjoni u esportati lejn Parti li tkun ipprovdiet tweġiba pożittiva dwar l-importazzjoni. Dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal taħlitiet li jkun fihom sustanzi elenkati fl-Anness I tar-Regolament f'konċentrazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal obbligi ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ (CLP)[2], u għal ċerti oġġetti.

Ir-Regolament dwar il-PIC iqiegħed ukoll obbligi fuq il-Kummissjoni biex tinnotifika lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar l-Azzjoni Regolatorja Finali (FRA) dwar sustanzi kimiċi li huma pprojbiti jew ristretti severament fl-Unjoni f'kategorija ta' użu waħda tal-Konvenzjoni (sustanzi kimiċi industrijali jew pestiċidi) u li huma elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament dwar il-PIC. Dan il-proċess huwa magħruf bħala n-notifika tal-FRA u huwa l-bażi biex is-sustanzi kimiċi jiġu elenkati fl-Anness III tal-Konvenzjoni.

Għas-sustanzi kimiċi li huma elenkati fil-Parti 3 tal-Anness I (li jirrifletti l-Anness III tal-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60-106.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1–1355.

Konvenzjoni), il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni u abbażi tas-setgħa fir-Regolament dwar il-PIC, tistabbilixxi deċiżjoni dwar l-importazzjoni li tiddeskrivi jekk is-sustanza kimika tkunx tista' tiġi importata fl-Unjoni u taħt liema kundizzjonijiet. Din tintbagħat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

1.2. L-eżerċizzju tar-rapportar

L-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-PIC jirrikjedi lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-attivitajiet tagħha skont ir-Regolament kull tliet snin, u li tikkompila rapport ta' sinteżi dwar il-prestazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC, li jintegra:

- L-informazzjoni sottomessa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 22(1), dwar it-tħaddim tal-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament, inklużi kontrolli doganali, ksur, penali u azzjoni ta' rimedju.
- L-informazzjoni sottomessa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) skont l-Artikolu 22(1), dwar it-tħaddim tal-proċeduri tar-Regolament dwar il-PIC.

Dan l-eżerċizzju ta' rapportar huwa t-tieni wieħed skont ir-Regolament dwar il-PIC u jkopri l-perjodu bejn l-2017 u l-2019. Il-kwestjonarju dwar ir-rapportar online sar disponibbli għall-Istati Membri fid-9 ta' Ġunju 2021, bi skadenza għat-tlestija stabbilita għas-27 ta' Awwissu 2021. Ir-rapporti kollha ġew sottomessi sa nofs Novembru 2021. L-Aġenzija ppubblikat ir-rapport tagħha dwar it-tħaddim tar-Regolament dwar il-PIC[3] għall-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2019 f'Awwissu 2020. Ir-rapport attwali huwa s-sommarju tar-rapport ta' sinteżi, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC fil-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2019.

2. GOVERNANZA TAR-REGOLAMENT TAL-PIC

2.1. Il-Kummissjoni, l-Aġenzija u d-DNAs iqisu li l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC hija effettiva

Fil-livell nazzjonali, kull Stat Membru jaħtar awtorità nazzjonali (DNA) biex twettaq il-funzjonijiet amministrattivi previsti mir-Regolament dwar il-PIC. Bħal fil-perjodu ta' rapportar preċedenti, l-Istati Membri qiesu li l-koordinazzjoni bejn id-DNAs u l-Kummissjoni, u bejn id-DNAs u l-Aġenzija hija sodisfaċenti. Diversi DNAs apprezzaw l-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija għall-ħeffa u l-kwalità tiegħu. L-Aġenzija tikklassifika l-kollaborazzjoni mad-DNAs bħala similarment effettiva, inkluż meta jkun qed jiġi mmaniġġat nuqqas ta' qbil. Il-Kummissjoni wkoll qieset il-kooperazzjoni mad-DNAs bħala effettiva, b'mod partikolari permezz ta' diskussjonijiet fil-laqgħat tad-DNAs dwar il-PIC li jsiru darbtejn fis-sena.

Għalkemm l-Aġenzija qieset il-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni bħala sodisfaċenti, hija indikat għadd ta' oqsma li jistgħu jittejbu. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kollaborazzjoni mal-Aġenzija bħala sodisfaċenti, filwaqt li enfasizzat l-iskambji regolari dwar il-mistoqsijiet

[3] Ir-Rapport tal-ECHA (2020) dwar it-tħaddim tar-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC). ECHA-20-R-10-EN.

xjentifiċi, tekniċi u legali li rriżultaw fil-kuntest ta' implimentazzjoni u tal-implimentazzjoni prattika tagħhom.

2.2. Iż-żieda kontinwa fl-attivitajiet tal-PIC toħloq sfidi biex jibqa' jinżamm livell xieraq ta' riżorsi

Ir-riżorsi ddedikati apposta għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC mill-Kummissjoni Ewropea u mill-ECHA baqgħu pjuttost stabbli meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, għalkemm iż-żewġ istituzzjonijiet irrapportaw żieda żgħira. L-ammont ta' xogħol tal-Aġenzija matul il-perjodu ta' rapportar kien konformi mal-ammont ta' xogħol previst. L-għadd ta' notifiki ta' esportazzjoni proċessati kompla jiżdied f'konformità maż-żieda annwali prevista ta' 10 %.

Iż-żieda fin-notifiki tal-esportazzjoni wasslet għal żieda fil-kompiti tal-ipproċessar li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija u fl-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati. L-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Kummissjoni, lid-DNAs tal-UE u li ma humiex tal-UE ħa madwar 30 % sa 40 % tal-ħin tal-persunal matul il-perjodu ta' rapportar. Peress li l-ammont ta' riżorsi ma huwiex qed jiżdied b'mod proporzjonali mal-ammont ta' xogħol, l-ECHA tenfasizza fir-rapport tagħha l-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC u biex ikomplu jittejbu l-prattiki, il-proċessi u l-għodod ta' implimentazzjoni.

Id-DNAs tal-PIC irrapportaw livelli ta' riżorsi ddedikati apposta għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC li jvarjaw minn 0,1 sa 2 FTEs. Sal-punt li t-tqabbil ikun possibbli, ir-riżorsi baqgħu pjuttost stabbli f'ħafna DNAs, b'madwar tmienja jirrapportaw tnaqqis. B'mod parallel, l-ammont ta' xogħol marbut mal-ipproċessar tan-notifika tal-esportazzjoni żdied f'ħafna Stati Membri (ara t-taqsima 4.2). Inqas Stati Membri milli fil-perjodu ta' rapportar preċedenti ddikjaraw li għandhom riżorsi suffiċjenti għall-infurzar (15 minflok 18).

3. AĠĠORNAMENTI TAL-ANNESS I TAR-REGOLAMENT TAL-PIC

Skont l-Artikolu 23, il-lista ta' sustanzi kimiċi fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata mill-inqas darba fis-sena mill-Kummissjoni, abbażi tal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni – primarjament fir-Regolament REACH[4], fil-BPR[5] u fil-PPPR[6] - u skont il-Konvenzjoni. L-Annessi tar-Regolament dwar il-PIC jiġu emendati permezz ta' atti delegati li jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Matul il-perjodu ta' rapportar, ġew inklużi 31 sustanza fil-Parti 1 u sebgħa fil-Parti 2 tal-Anness I. 23 minn dawn is-sustanzi ġew inklużi minħabba n-nuqqas ta' approvazzjoni bħala prodotti

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1–854.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123.

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1–50.

għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-PPPR, u ħamsa wara l-inklużjoni fl-Anness XVII tar-REACH (Tabella 1). Sitta minnhom ġew inklużi fil-Parti 3 tal-Anness I wara l-inklużjoni tagħhom fl-Anness III tal-Konvenzjoni. Bl-eċċezzjoni ta' paraffini klorurati b'katina qasira, dawn kienu diġà ġew inklużi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament dwar il-PIC.

Tabella 1: Sustanzi miżjuda fl-Anness 1 matul il-perjodu tar-rapportar

Att Delegat	Sustanza Kimika	Numru CAS	Emenda tal-Anness I	Bażi għall-inklużjoni
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/172 tat-28 ta'Novembru 2017 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012	3-deċen-2-on	10519-33-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	5-tert-butil-2,4,6-trinitro-m-ksilen	81-15-2	Partijiet 1 u 2	REACH
	Ftalat tal-benżil butil	85-68-7	Partijiet 1 u 2	REACH
	Karbendażim	10605-21-7	Parti 1	PPPR
	Ċibutrin	28159-98-0	Partijiet 1 u 2	BPR
	Ftalat tad-diisobutil	84-69-5	Partijiet 1 u 2	REACH
	Pentaossidu tad-diarseniku	1303-28-2	Partijiet 1 u 2	REACH
	Tepralossidim	149979-41-9	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Triklosan	3380-34-5	Partijiet 1 u 2	BPR
	Triflumuron	64628-44-0	Parti 1	BPR
	Fosfat tat-tris (2-kloruetil)	115-96-8	Partijiet 1 u 2	REACH
	Metamidofos	10265-92-6	Partijiet 1 u 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/330 tal-11 ta' Diċembru 2018 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012	Amitrol	61-82-5	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Beta-ċipermetrina	65731-84-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Karbofuran	1563-66-2	Partijiet 1 u 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam
	DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil)	150315-10-9 144740-54-5	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Fipronil	120068-37-3	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Iprodijon	36734-19-7	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Isoproturon	34123-59-6	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Linuron	330-55-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Maneb	12427-38-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Ortosulfamuron	213464-77-8	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Pikossistrobin	117428-22-5	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Paraffini klorurati b'katina qasira	85535-84-8	Parti 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam
	Triasulfuron	82097-50-5	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Triklorfon	52-68-6	Partijiet 1 u 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1701 tat-23 ta' Lulju 2019 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012	aċidu 2-naftilossiaċetiku	120-23-0	Parti 2	PPPR
	Aċetoklor	34256-82-1	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Asulam	3337-71-1 2302-17-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Kloropikrin	76-06-2	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Difenilammina	122-39-4	Parti 2	PPPR
	Flufenossuron	101463-69-8	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Naled	300-76-5	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Propanil	709-98-8	Parti 2	PPPR
	Propargit	2312-35-8	Partijiet 1 u 2	PPPR
	Alaklor	15972-60-8	Parti 3	Anness III tal-

Att Delegat	Sustanza Kimika	Numru CAS	Emenda tal-Anness I	Bażi għall-inklużjoni
				Konvenzjoni ta' Rotterdam
	Aldikarb	116-06-3	Parti 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam
	Endosulfan	115-29-7	Parti 3	Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-PIC, il-Kummissjoni trid tinnotifika lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni, bil-miktub, bis-sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I li jikkwalifikaw għal notifika tal-PIC. Matul il-perjodu tar-rapportar ġew sottomessi 10 notifiki FRA lis-Segretarjat:

- Aċetoklor (2017)
- Amitrol (2019)
- Betaċipermetrina (2019)
- Ċibutrin (2019)
- Flupirsulfuron-metil (2019)
- Iprodijon (2019)
- Isoproturon (2019)
- Orhosulfamuron (2019)
- Pikossitrobin (2019)
- Triasulfuron (2019)

4. THADDIM TAR-REGOLAMENT TAL-PIC

4.1. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u l-appoġġ li ngħata mid-DNAs u mill-Aġenzija lill-esportaturi tejbu l-konformità

Sebgħa u għoxrin Stat Membru wettqu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni mmirati lejn l-esportaturi u l-importaturi. L-aktar attività komuni kienet il-forniment ta' informazzjoni online (paġna web speċifika jew referenzi għall-paġni web tal-Aġenzija dwar il-PIC). Ħdax-il Stat Membru jipprovdu wkoll servizzi ta' helpdesk permezz ta' helpdesk eżistenti (eż. REACH, CLP, BPR) u sitta joperaw helpdesk nazzjonali tal-PIC; 10 Stati Membri indikaw li għandhom indirizz elettroniku speċifiku għal rekwiżiti ta' informazzjoni. Kważi l-Istati Membri kollha ddikjaraw li dawn l-attivitajiet tejbu l-konformità bejn l-esportaturi u l-importaturi mar-Regolament dwar il-PIC. Xi DNAs innotaw żieda fl-għadd ta' notifiki tal-esportazzjoni u titjib fil-kwalità tagħhom, żieda fl-għadd ta' kumpaniji rreġistrati fl-ePIC jew li jużawha, u konformità akbar mal-obbligi ta' rapportar tal-Artikolu 10.

L-Aġenzija hija meħtieġa tipprovdi assistenza, kif ukoll gwida teknika u xjentifika u għodod lill-esportaturi u lill-importaturi (Artikolu 6(1)). L-Aġenzija pprovdiet informazzjoni u appoġġ lill-esportaturi u lill-importaturi permezz tas-sit web tagħha, e-News ta' kull ġimgħa, il-Fuljett tal-ECHA, il-media soċjali, il-messaġġi interni fl-e-PIC, u l-Helpdesk tal-ECHA. L-Aġenzija ppubblikat erba' linji gwida (dokumenti "Fil-qosor") biex tgħin lill-kumpaniji b'talbiet speċjali għal RIN (Numru ta' Identifikazzjoni ta' Referenza), rinunzji, rapportar u mili tat-taqsima 6

tan-notifiki tal-esportazzjoni (użi projbiti u permessi). L-Aġenzija ħejjiet ruħha wkoll għan-notifiki ta' esportazzjoni ta' wara l-Brexit billi ppubblikat linja gwida dwar "How to notify PIC exports to the UK after the UK's withdrawal from the EU" u stabbiliet proċedura ta' notifika manwali (sakemm dawn ikunu jistgħu jsiru fl-ePIC).

4.2. L-għadd ta' notifiki ta' esportazzjoni trattati mid-DNAs u mill-ECHA żdied kontinwament mill-2014 u l-ipproċessar tagħhom huwa distribwit b'mod li ma huwiex uniformi bejn l-Istati Membri


In-notifika tal-esportazzjoni hija l-istrument li permezz tiegħu l-pajjiżi jiskambjaw l-informazzjoni dwar sustanzi kimiċi projbiti jew severament ristretti. L-esportaturi kollha bbażati fl-UE għandhom jissottomettu notifika tal-esportazzjoni lid-DNAs tagħhom jekk ikun beħsiebhom jesportaw sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament dwar il-PIC. Ladarba d-DNA tkun ivverifikat u aċċettat in-notifika, din tintbagħat lill-Aġenzija, li tivverifika wkoll il-konformità tan-notifika u tibgħatha lid-DNA tal-pajjiż importatur. Jekk ma tirċievi l-ebda rikonoxximent tal-irċevuta, l-Aġenzija terġa' tibgħat in-notifika. Il-proċedura sħiħa titwettaq permezz tal-ePIC, u l-esportaturi jridu jużaw il-mudell tan-notifika li ġie pprovdut mis-sistema. Għal ċerti esportazzjonijiet li jiġu eżentati mir-Regolament dwar il-PIC jew mir-rekwiżit tan-notifiki tal-esportazzjoni, l-esportaturi huma meħtieġa jitolbu RIN Speċjali mid-DNA tagħhom u jużawh fid-dikjarazzjoni doganali sabiex jiffaċilitaw l-iżdoganar tal-merkanzija.

L-għadd ta' notifiki ta' esportazzjoni u talbiet Speċjali għal RIN żdied kontinwament mill-2014 (Illustrazzjoni 1). L-Aġenzija rrapportat żieda fin-numru ta' notifiki ta' esportazzjoni minn 8 455 fl-2017 għal 10 009 fl-2019[7]. Skont l-Aġenzija, din iż-żieda tirrifletti konformità akbar u ż-żieda ta' sustanzi ġodda fl-Anness I.

Illustrazzjoni 1: L-għadd totali ta' notifiki ta' esportazzjoni aċċettati u mibgħuta lill-Aġenzija mid-DNAs u ta' talbiet Speċjali għal RIN aċċettati mid-DNAs fis-sena mill-2014[8]


[7] Iċ-ċifri provduti għall-Aġenzija jinkludu sottomissjonijiet inizjali, sottomissjonijiet mill-ġdid u ċaħdiet.

[8] Għall-2014, il-perjodu kopert huwa mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Diċembru (peress li r-Regolament dwar il-PIC sar applikabbli fl-1 ta' Marzu 2014).



Bħal fil-perjodu ta' rapportar preċedenti, l-għadd ta' notifiki ta' esportazzjoni u talbiet speċjali għal RIN proċessati varja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri (Illustrazzjoni 2). L-ogħla numri ta' notifiki ta' esportazzjoni kienu fil-Ġermanja (8 645 notifika) u fi Franza (6 855), segwiti mill-Italja (2 453), Spanja (2 383) u mir-Renju Unit (2 207). 20 Stat Membru pproċessaw aktar notifiki ta' esportazzjoni matul dan il-perjodu ta' rapportar meta mqabbla ma' dak preċedenti u f'disa' Stati Membri, dan in-numru żdied b'aktar mid-doppju bejn iż-żewġ perjodi ta' rapportar. Is-sitwazzjoni hija simili għal talbiet speċjali għal RIN, fejn 11-il Stat Membru ma rċievew l-ebda waħda, filwaqt li l-Ġermanja, il-Belġju u Franza kienu l-Istati Membri li aċċettaw l-ogħla numru minnhom. 13-il Stat Membru pproċessaw aktar talbiet Speċjali għal RIN matul dan il-perjodu ta' rapportar meta mqabbel ma' dak preċedenti. Erba' Stati Membri ma pproċessaw l-ebda notifika dwar l-esportazzjoni (Ċipru, il-Greċja, il-Lussemburgu u Malta).

Illustrazzjoni 2: Għadd totali ta' notifiki tal-esportazzjoni u talbiet ta' RIN Speċjali li ġew aċċettati mid-DNAs matul il-perjodu ta' rapportar



4.3. Mili żbaljat tal-formola ta' notifika tal-esportazzjoni għadu jwassal għal għadd kbir ta' talbiet għal sottomissjoni mill-ġdid

L-Istati Membri u l-ECHA talbu s-sottomissjoni mill-ġdid mill-esportatur ta' 5 889 u 2 758 notifika ta' esportazzjoni rispettivament matul il-perjodu ta' rapportar. Il-kwistjonijiet ewlenin kienu l-mili mhux ċar jew żbaljat tat-taqsima 6.2 tan-notifika tal-esportazzjoni dwar l-użi pprojbiti u permessi, u tat-taqsima 3.3 dwar l-użi maħsuba. Raġuni oħra għat-talba għal sottomissjoni mill-ġdid kienet l-għoti ta' dettalji ta' kuntatt li ma humiex korretti jew insuffiċjenti għall-importatur. Il-forniment tal-SDS f'lingwa li ma hijiex xierqa jissemma' wkoll bħala kwistjoni mid-DNAs u mill-ECHA.

4.4. Ir-rapportar skont l-Artikolu 10 ġeneralment ħadem b'mod effettiv, għalkemm il-kwalità tar-rapportar tad-DNAs xorta tista' tittejjeb

L-Artikolu 10 iqiegħed obbligi fuq l-esportaturi u l-importaturi biex jinfurmaw lid-DNA, matul l-ewwel trimestru ta' kull sena, dwar il-kwantità ta' sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness I tar-Regolament dwar il-PIC li ġew esportati lejn pajjiżi terzi, jew importati mingħandhom, matul is-sena ta' qabel. L-esportaturi għandhom jipprovdu wkoll lid-DNA bl-ismijiet u bl-indirizzi ta' kull importatur. Mill-banda l-oħra, id-DNAs għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-Aġenzija kull sena, li mbagħad tiġbor flimkien id-*data* fil-livell tal-UE u tagħmilha disponibbli għall-pubbliku fuq il-bażi tad-*data* tagħha[9].

L-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija u mid-DNAs issuġġeriet li l-proċess ta' rapportar

[9] ECHA, Rapportar annwali dwar esportazzjonijiet u importazzjonijiet PIC: https://echa.europa.eu/mt/regulations/prior-informed-consent/annual-reporting-on-pic-exports-and-imports

skont l-Artikolu 10 ħadem b'mod effettiv. Inqas Stati Membri milli fil-perjodu ta' rapportar preċedenti (sebgħa) iddikjaraw li esperjenzaw dewmien mill-esportaturi fis-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar il-kwantità tas-sustanzi kimiċi esportati, u dan id-dewmien ma affettwax it-tlestija tal-eżerċizzju ta' rapportar tad-DNA. Skont l-ECHA, ir-rapportar mid-DNAs tjieb peress li inqas DNAs irrapportaw *data* li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, ftit mid-*data* sottomessa mid-DNAs kien fiha żbalji derivati mir-rapportar tal-industrija u kienet tirrikjedi korrezzjoni, aggregazzjoni mill-ġdid u sottomissjoni mill-ġdid tar-rapporti mid-DNAs. Dan wassal għal ineffiċjenzi fit-tħejjija tar-rapport ġenerali u għalhekk l-ECHA tirrakkomanda li d-DNAs iżidu l-verifika tad-*data* aggregata qabel is-sottomissjoni.

4.5. Ġew adottati deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni tal-UE għal erba' sustanzi elenkati fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet huma mitluba jadottaw deċiżjoni dwar l-importazzjoni għal kull sustanza kimika elenkata fl-Anness III u jissottomettuha lis-Segretarjat. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-PIC, id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-Unjoni tiġi adottata permezz ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, li jiġi abbozzat mis-servizzi tal-Kummissjoni u sottomess lill-Kumitat REACH għal opinjoni, f'konformità mal-proċedura konsultattiva. Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni waħda fl-2018, li pprovdiet deċiżjonijiet ġodda dwar l-importazzjoni għal erba' sustanzi u emendat deċiżjoni waħda dwar l-importazzjoni (Tabella 2).

Tabella 2: Deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni tal-Unjoni adottati matul il-perjodu tar-rapportar

Att ta' Implimentazzjoni	Sustanzi kimiċi	Natura / status tad-deċiżjoni		Deċiżjoni dwar l-importazzjoni	Raġunijiet għad-deċiżjoni
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2018	Karbofuran	1563-66-2	Deċiżjoni ġdida	Finali	Ebda kunsens għall-importazzjoni
	Triklorfon	52-68-6	Deċiżjoni ġdida	Finali	Ebda kunsens għall-importazzjoni
	Paraffini klorurati b'katina qasira	85535-84-8	Deċiżjoni ġdida	Finali	Kunsens għall-importazzjoni soġġetta għal kundizzjonijiet speċifikati biss
	Komposti tat-tributiltin	56-35-9; 1983-10-4; 2155-70-6; 4342-36-3; 1461-22-9; 24124-25-2; 85409-17-2	Deċiżjoni ġdida	Finali	Kunsens għall-importazzjoni soġġetta għal kundizzjonijiet speċifikati biss
	Ossidu tal-etilen	75-21-8	Modifika	Finali	Kunsens għall-importazzjoni soġġetta għal kundizzjonijiet speċifikati biss

4.6. Ir-rata baxxa ta' rispons ta' pajjiżi li ma humiex tal-UE għal talbiet espliċiti ta' kunsens tibqa' problema iżda ħafna kwistjonijiet huma solvuti b'mod effettiv permezz ta' koordinazzjoni tajba bejn l-ECHA u d-DNAs

L-Artikolu 14 jirrikjedi l-kunsens tal-pajjiż importatur qabel esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi elenkati fil-partijiet 2 jew 3 tal-Anness I tkun tista' tkompli. Madankollu, id-DNA tal-esportatur tista' tiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ u f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, li tirrinunzja r-rekwiżit għall-kunsens espliċitu meta sustanza kimika li tikkwalifika għal notifika tal-PIC tiġi esportata lejn pajjiż tal-OECD (Artikolu 14(6)) jew meta ma tkun ġiet irċevuta l-ebda tweġiba mill-pajjiż importatur wara 60 jum u sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet (Artikolu 14(7)).

19-il Stat Membru pproċessaw esportazzjonijiet fejn kienet involuta l-proċedura ta' kunsens espliċitu skont l-Artikolu 14. Total ta' 5 058 talba għal kunsens espliċitu ġew ipproċessati mid-DNAs bejn l-2017 u l-2019, meta mqabbla ma' 3 362 fil-perjodu ta' rapportar preċedenti. Fi 15-il Stat Membru (minn 19), l-għadd ta' talbiet kien ogħla milli fil-perjodu ta' rapportar preċedenti.

Bħal qabel, l-isfida ewlenija rrapportata mid-DNAs kienet it-tweġibiet tard mill-pajjiżi importaturi għat-talbiet għall-kunsens (jiġifieri wara l-perjodu ta' stennija ta' 60 jum) jew l-ebda tweġiba. Ir-rata ta' rispons baqgħet pjuttost baxxa matul dan il-perjodu ta' rapportar. Mill-5 058 talba għal kunsens espliċitu, 54 % irċevew tweġibiet wara t-talba inizjali, l-ewwel jew it-tieni tfakkira, li hija rata ta' rispons bejn wieħed u ieħor simili bħal fil-passat. Id-DNAs iddikjaraw ukoll li t-tweġiba provduta ma kinitx dejjem ċara jew kienet diffiċli biex tiġi interpretata u li ċerti pajjiżi kienu partikolarment diffiċli biex jintlaħqu.

L-Aġenzija qieset li dan il-proċess qed jaħdem mingħajr xkiel u li l-kollaborazzjoni mad-DNAs hija effettiva. Minkejja rata baxxa ta' rispons, skont l-Aġenzija l-proċess ikkontribwixxa għal *data* armonizzata u għat-tnaqqis ta' żbalji klerikali matul il-proċedura.

Ftit Stati Membri kellhom jiddeċiedu jekk ir-rekwiżit għall-kunsens espliċitu għandux jiġi rinunzjat jew le (tmienja għal esportazzjoni lejn pajjiż tal-OECD u 13 fin-nuqqas ta' tweġiba mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż importatur), u l-informazzjoni li ngħatat mid-DNAs issuġġeriet li seħħew ftit problemi relatati mal-implimentazzjoni. 15-il Stat Membru esperjenzaw każijiet fejn l-esportazzjoni kienet permessa li tipproċedi bil-kundizzjoni li tingħata tweġiba għal talba ġdida għal kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(8)). Skont l-Aġenzija, l-Artikolu 14(8) baqa' ta' sfida biex jiġi implimentat. Madankollu, in-numru ta' każijiet problematiċi (jiġifieri li fihom l-Aġenzija u d-DNAs ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni) tnaqqas sostanzjalment wara li ġie diskuss f'laqgħa tad-DNA u l-funzjonalità tal-ePIC relatata ġiet imtejba kif xieraq.

4.7. Ftit Stati Membri rrapportaw nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li takkumpanja s-sustanzi kimiċi esportati

L-Artikolu 17 jiddikjara li s-sustanzi kimiċi esportati għandhom jiġu mballati u ttikkettati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Unjoni, sakemm il-pajjiż importatur ma jirrikjedix mod ieħor. Ilment dwar Skeda ta' *Data* ta' Sigurtà dwar l-Anness II tar-Regolament REACH għandu jintbagħat lil kull importatur flimkien mas-sustanza kimika. Sitt Stati Membri biss irrapportaw kwistjonijiet ta' konformità dwar l-informazzjoni li takkumpanja s-sustanzi kimiċi esportati, relatati mar-rekwiżiti tal-imballaġġ skont ir-Regolament dwar is-CLP u l-SDS.

4.8. L-Istati Membri kollha għandhom sistemi ta' kontroll u infurzar iżda terz minnhom ma għandhomx strateġija ta' infurzar

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-PIC, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet, bħal awtoritajiet doganali, biex jikkontrollaw l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness I. L-Istati Membri kollha ħatru dawn l-awtoritajiet. Id-dwana hija involuta fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC fl-Istati Membri kollha, ħlief f'Malta (u fir-Renju Unit għall-perjodu ta' rapportar qabel l-1 ta' Jannar 2020). F'sitt pajjiżi, l-amministrazzjoni doganali hija l-uniku NEA.

15-il Stat Membru (meta mqabbla ma' 18 fil-perjodu ta' rapportar preċedenti) indikaw li n-NEAs għandhom riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament dwar il-PIC. L-Istati Membri li enfasizzaw kwistjonijiet ta' riżorsi fi ħdan Awtoritajiet ta' Infurzar Nazzjonali tipikament għamlu referenza għan-nuqqas ta' riżorsi umani. 17-il Stat Membru rrapportaw li għandhom strateġija għall-infurzar tar-Regolament dwar il-PIC u 16-il Stat Membru stabbilew taħriġ regolari għall-ispetturi.

4.9. Ġie identifikat ftit ksur matul il-perjodu ta' rapportar

L-għadd ta' Stati Membri li rrapportaw attivitajiet ta' kontroll uffiċjali huwa pjuttost komparabbli mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, u huwa pjuttost baxx meta wieħed iqis li 24 Stat Membru rrapportaw attivitajiet kummerċjali. Sakemm l-Istati Membri ma jispeċifikawx dan fir-rapport tagħhom, ma jistax jiġi konkluż jekk dan jirriżultax minn nuqqas ta' ġbir tad-*data* jew minn nuqqas ta' attivitajiet ta' infurzar. Għaxar Stati Membri rrapportaw kontrolli doganali fuq l-esportazzjonijiet li fihom kien kopert ir-Regolament dwar il-PIC, meta mqabbel ma' 13 fil-perjodu ta' rapportar preċedenti. Ħdax-il Stat Membru rrapporta kontrolli mwettqa mill-ispetturi. Fir-rigward tal-importazzjonijiet, erba' Stati Membri rrapportaw kontrolli doganali u 10 rrapportaw kontrolli mwettqa mill-ispetturi.

Matul il-perjodu ta' rapportar b'kollox twettqu 9 132 kontroll tal-esportazzjonijiet, meta mqabbla ma' 6 474 kontroll fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2016 (Tabella 3). Fuq l-importazzjonijiet, saru 1 463 kontroll, meta mqabbla mal-1 941 bejn l-2014 u l-2016, l-aktar minħabba tnaqqis fil-kontrolli doganali fuq l-importazzjonijiet. Bħal fil-passat, il-kontrolli doganali jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-kontrolli. L-għadd ta' kontrolli li saru varja ħafna bejn l-Istati Membri, u dan jista' jkun minħabba l-għadd ta' esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi PIC fil-pajjiż, l-istrateġija tal-ispezzjoni, jew it-tipi ta' kontrolli li jkunu saru (eż. kontrolli reattivi kontra monitoraġġ regolari).


Fir-rigward tat-tipi ta' attivitajiet ta' infurzar imwettqa, jitwettqu kontrolli tad-dokumenti f'madwar żewġ terzi tal-Istati Membri (19), filwaqt li inqas minn nofs irrapportaw li jwettqu spezzjonijiet proattivi jew kontrolli fuq il-post (Illustrazzjoni 3).

Tabella 3: L-għadd totali ta' kontrolli uffiċjali fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet li fihom ir-Regolament dwar il-PIC kien kopert jew infurzat matul il-perjodu ta' rapportar

	Kontrolli mwettqa mid-dwana	Kontrolli mwettqa mill-ispetturi	Kontrolli mwettqa minn entitajiet oħra
Kontrolli uffiċjali fuq l-esportazzjonijiet	8 599	526	7

Kontrolli uffiċjali fuq l-importazzjoni	237	1 193	33

Illustrazzjoni 3: Attivitajiet tal-infurzar li twettqu mill-Istati Membri



L-għadd ta' ksur li nstab (138) huwa pjuttost baxx meta mqabbel mal-għadd ta' kontrolli mwettqa. Ħames Stati Membri rrapportaw ksur identifikat permezz ta' kontrolli doganali u sitta permezz ta' kontrolli mwettqa mill-ispetturi. Il-kategorija ewlenija ta' ksur misjuba mid-dwana relatata man-nuqqas tar-RIN (13-il ksur) u l-Kaxxa 44 tad-dokument amministrattiv uniku li ma mtlitx kif suppost (12-il ksur). Ġew imposti penali fi tliet Stati Membri f'29 każ ta' ksur.

4.10. L-ewwel proġett pilota dwar l-infurzar tar-Regolament dwar il-PIC ġie implimentat mill-Forum matul il-perjodu ta' rapportar

Il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar (Forum) huwa network ta' awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti REACH, CLP, PIC u POP. Bejn l-2017 u l-2018, il-Forum wettaq proġett pilota dwar il-kontroll tal-konformità mar-Regolament dwar il-PIC li jiffoka fuq in-notifiki tal-esportazzjoni (l-Artikoli 8, 14, u 15) u informazzjoni li takkumpanja s-sustanzi kimiċi esportati (l-Artikolu 17), li fih ipparteċipaw tlettax-il Stat Membru. L-Istati Membri lestew 296 spezzjoni, li jikkonsistu kemm minn spezzjonijiet fuq il-post kif ukoll mill-uffiċċju[10]. Fl-2019, il-Forum ħejja "Practical enforcement guide for the control of PIC obligations" (Gwida prattika ta' infurzar għall-kontroll tal-obbligi tal-PIC) li tiddeskrivi prattiki tajbin fl-infurzar tal-Artikoli 8, 14, 15 u 17 tar-Regolament dwar il-PIC, kif

[10] ECHA (2018) Final report of the Forum pilot project on the control of PIC.

żviluppati matul il-proġett pilota.

L-Istati Membri huma ġeneralment issodisfati bl-attivitajiet imwettqa mill-Forum. Għadd ta' DNAs enfasizzaw il-benefiċċji tal-proġett pilota u ssuġġerew li fil-futur għandhom jiġu implimentati proġetti pilota oħra.

4.11. Diversi DNAs u l-Aġenzija ħadu sehem f'attivitajiet ta' assistenza teknika

Skont l-Artikolu 21, il-Kummissjoni, id-DNAs u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw biex jippromwovu l-assistenza teknika, b'mod partikolari biex jgħinu lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u lill-pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni jimplimentaw il-Konvenzjoni u jiżviluppaw l-infrastruttura, il-kapaċità u l-għarfien espert meħtieġa biex jimmaniġġjaw is-sustanzi kimiċi b'mod xieraq matul iċ-ċikli tal-ħajja tagħhom.

Ħames Stati Membri ħadu sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni u erbgħa fi proġetti jew f'attivitajiet internazzjonali relatati mal-bini tal-kapaċità fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi. L-attivitajiet tad-DNA kienu jikkonsistu fl-għoti ta' informazzjoni teknika permezz ta' workshops, taħriġ, żjarat ta' delegazzjonijiet ta' esperti minn pajjiżi terzi, eċċ., proġetti ta' kooperazzjoni u appoġġ għall-istabbiliment jew il-manutenzjoni ta' DNAs. L-ECHA pparteċipat f'diversi avvenimenti ta' taħriġ organizzati mill-Konvenzjoni ta' Rotterdam, mill-Kummissjoni jew mid-DNAs. L-Aġenzija pprovdiet ukoll appoġġ lill-pajjiżi prekandidati u kandidati biex iżidu l-kapaċità tagħhom fil-qasam tal-ġestjoni kimika permezz tal-Istrument tal-UE għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA).

4.12. L-utenti tal-ePIC ġeneralment sabu li l-għodda tal-IT kienet faċli għall-utent u adegwata biex tappoġġa l-ħidma tagħhom

Kif mitlub mir-Regolament dwar il-PIC, l-Aġenzija żviluppat u tmantni l-għodda tal-IT (ePIC) biex tappoġġa l-implimentazzjoni. Żdiedu għadd ta' karatteristiċi ġodda fis-sistema tal-ePIC matul il-perjodu ta' rapportar sabiex jittejbu l-funzjonament u l-utilità tal-għodda. L-għodda tintuża mill-awtoritajiet rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar u d-dwana, u mill-esportaturi u l-importaturi. L-għadd ta' utenti mill-industrija, mid-DNAs u mill-NEAs żdied mill-perjodu ta' rapportar preċedenti.

B'mod ġenerali, id-DNAs sabu li l-ePIC kienet faċli għall-utent u ma ltaqgħux ma' problemi kbar fl-użu tagħha. L-opinjoni tad-DNAs dwar l-ePIC tjiebet mill-perjodu ta' rapportar preċedenti u aktar DNAs għandhom esperjenza biha. Il-feedback minn utenti tal-industrija għall-Aġenzija u għad-DNAs kien wieħed ġeneralment pożittiv ukoll, bħalma kien il-feedback mill-awtoritajiet doganali u tal-infurzar.

4.13. L-informazzjoni u d-*data* dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-PIC huma disponibbli għall-pubbliku

Skont ir-Regolament dwar il-PIC, l-Aġenzija għandha tagħmel id-*data* li ġejja disponibbli għall-pubbliku:

- Il-lista ta' sustanzi kimiċi inklużi fl-Anness I (l-Artikolu 7);
- Il-lista aġġornata tas-sustanzi kimiċi soġġetti għal notifika dwar l-esportazzjoni, u l-Partijiet importaturi u pajjiżi oħra għal kull sena kalendarja (l-Artikolu 8);
- Rapporti dwar il-kwantitajiet attwali ta' sustanzi kimiċi soġġetti għar-Regolament dwar il-PIC esportati u importati (l-Artikolu 10);

- Deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni (Artikolu 13);
- *Data* li ma hijiex kunfidenzjali dwar kunsensi espliċiti minn pajjiżi li ma humiex tal-UE (l-Artikolu 14).

Din l-informazzjoni hija disponibbli fuq il-paġna web tal-Aġenzija ddedikata apposta għar-Regolament dwar il-PIC u l-paġna web iddedikata għas-sustanzi kimiċi soġġetti għall-PIC, li tipprovdi bażi tad-*data* li tista' tiġi mfittxija tas-sustanzi kimiċi soġġetti għall-PIC, *data* li ma hijiex kunfidenzjali dwar in-notifiki tal-esportazzjoni tal-UE, notifiki tal-esportazzjoni u kunsensi espliċiti minn pajjiżi li ma humiex tal-UE, u d-dettalji ta' kuntatt tad-DNAs. Ir-rapporti dwar il-kwantitajiet attwali tas-sustanzi kimiċi tal-PIC esportati u importati (skont l-Artikolu 10) huma pprovduti fil-paġna "Rapportar annwali dwar esportazzjonijiet u importazzjonijiet PIC". Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija ppubblikat l-ewwel Rapport dwar l-operat tar-Regolament dwar il-PIC (skont l-Artikolu 22) fl-2017 u t-tieni Rapport dwar l-iskambju ta' informazzjoni (skont l-Artikolu 20) fl-2018.

5. KONKLUŻJONIJIET

Ir-Regolament dwar il-PIC jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni u għandu l-istess objettivi. Madankollu, ir-Regolament dwar il-PIC imur lil hinn mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni sabiex joffri livell ogħla ta' protezzjoni, b'mod partikolari lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u lill-pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni.

Dan ir-rapport juri li l-proċeduri stabbiliti mir-Regolament dwar il-PIC ħadmu tajjeb u li l-implimentazzjoni tagħhom ħadmet tajjeb, b'mod partikolari minħabba koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi bejn id-DNAs, l-ECHA u l-Kummissjoni, kemm għall-ħidma interna kif ukoll għal dik internazzjonali tal-UE, li kienet il-bażi biex jintlaħqu l-objettivi tagħha.

Il-proċedura ta' notifika tal-esportazzjoni pprovdiet lill-pajjiżi importaturi informazzjoni importanti dwar ħafna sustanzi kimiċi u l-esportazzjoni tagħhom. B'10 000 notifika tal-esportazzjoni fl-2019 u x-xejra tagħhom li jkompli jiżdiedu, l-iskala tal-iskambju ta' informazzjoni u l-potenzjal tagħha li tkompli tiżdied tidher ċara. L-ammont ta' xogħol li qed jiżdied jista' jiġi mmaniġġat biss permezz ta' riżorsi xierqa ta' persunal, meta titqies il-ħtieġa li tibqa' tinżamm il-kapaċità għall-ipproċessar u għall-appoġġ filwaqt li tiġi żgurata l-prestazzjoni tal-applikazzjoni tal-IT "ePIC", żviluppata u mantnuta mill-Aġenzija.

L-applikazzjoni ta' proċedura ta' kunsens espliċitu bħala proċedura standard għall-esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi, li tmur lil hinn mill-Konvenzjoni, wasslet għan-numru għoli ta' 5 058 talba għal kunsens espliċitu mibgħuta lill-pajjiżi importaturi fil-perjodu ta' rapportar. Dawk it-talbiet ippreżentaw sfida għal ħafna pajjiżi importaturi, u din tidher fis-sehem ta' 46 % li baqgħu ma twieġbux.

L-esportaturi ta' sustanzi kimiċi soġġetti għar-Regolament dwar il-PIC ġeneralment kienu jafu dwar l-obbligi tagħhom u setgħu jissodisfawhom. Meta kien hemm il-ħtieġa, id-DNAs u l-Aġenzija pprovdew l-assistenza neċessarja, li kkontribwiet għall-għadd baxx ta' ksur. Matul dan il-perjodu ta' rapportar, ġew irrapportati 9 132 kontroll fuq l-esportazzjonijiet u 1 463 kontroll fuq l-importazzjonijiet u nstabu 138 ksur, li 29 minnhom wasslu għal penali.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri ssodisfaw l-obbligi tagħhom, minkejja li l-ammont ta' xogħol kbir fit-tmiem ta' kull sena – ikkawżat mill-għadd kbir ta' notifiki tal-esportazzjoni –

ippreżenta sfida għal xi Stati Membri u xi drabi wassal għal problemi bl-iskedi taż-żmien. Il-kontribuzzjoni tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni kienet għalkollox konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-PIC, u l-bażi għall-funzjonament effettiv tal-proċeduri. Il-Kummissjoni temmet l-obbligi tagħha skont ir-Regolament dwar il-PIC. Tliet Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni li jemendaw l-Anness I, kif ukoll Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni tal-Unjoni, ġew adottati fil-perjodu tar-rapportar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkoordinat il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ħidma internazzjonali u rrappreżentat lill-Unjoni fil-Konvenzjoni.